MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1183/2003

**Dr Kris Borg bhala mandatarju specjali ta' Margaret Vella assenti minn Malta**

**Vs**

**Marco Giovanni Panzavecchia et**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Gunju 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm1008 (elf u tmien Liri Maltin) rapprezentanti ta' cens dovut mill-konvenuti.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Il-konvenuti bhala eredi ta' Carmelo Panzavecchia ghandhom ihallsu s-somma ta' Lm1008, liema somma tirrapresenta c-cens minnkom dovut ta' Lm50.40 fis-sena ghall-iskadenzi bejn it-3 ta' Mejju 1983 sar-3 ta' Mejju

2002 ghall-art li fuqha hemm mibnija erba` mhazen fi Triq il-Kantun Qormi, gia` art imsejha ta' Rabbat tal-kejl superficjali ta' 1423.2 qasab kwadri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2003 u tar-rikors ghall-hatra tal-kuraturi tal-istess data, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur nomine ghax-xoljiment tal-koncessjoni emfitewtika.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Il-konvenuti kwantu iddikjaraw li m'humiex dedotti mil-fatti li taw lok ghal-din il-kawza u ghalhekk jirrinunzjaw id-dritt li jonoraw l-osservazzjonijiet fil-mertu fi stadju ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi din il-kawza si tratta ghal pagament ta' cens. Il-konvenut Panzavecchia ammetta l-ahhar hames (5) snin, pero` rigwardanti l-hmistax il-sena precedenti, stqarr meta prodott in subizzjoni li ma kienx debitur tal-attur nomine. Huwa kien l-amministratur li jiehu hsieb l-affarijiet tieghu u tal-konvenuti l-ohra.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tieghu fl-ismijiet "Melbourne Garage Co Ltd. vs AIC Lawrence Montebello" relattivament ghad-domanda li trid issir ai termini tal-Art. 2160 tal-Kap 16.

Dak li stqarr huwa, japplika ukoll ghal konvenuti l-ohra. Ghalhekk l-attur noe hass gustament li ma kellux ghalfejn, itellghalhom ukoll in subizzjoni.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' mitejn u sebghin lira (Lm270), u jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti ghal dan l-ammont. In vista li l-konvenuti ma procudewx l-ebda prova li ddepozitaw l-istess somma taht l-awtorita` tal-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------